MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 706/2003

**Maltacom plc**

**vs**

**Mansueta Neagoe**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm261.77) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21576354 (CN 312518 akkont 10200247), liema servizz gie isntallat fil-fond bl-isem Hastings House, Flat 3, Triq il-Mazzola San Pawl il-Bahar u dana skond diversi kontijiet mibghuta lilha skond prospett anness ma'l-avviz bhala Dokument A u il-kuntratt relattiv anness bhala Dokument B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-23 ta' April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm261.77), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------